MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1362/2001/1

**Joseph u Christine konjugi Grima**

**v.**

**Sydney u Maria Doris konjugi Atkins, Joseph u Jana konjugi Briffa, Brian Galea, Glenn Borg u Barbara Borg Muscat mart l-istess Glenn Borg**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:

"Premess illi l-atturi huma proprjetarji tal-appartament ossija *penthouse* li jgib in-numru hamsa (5) formanti parti

minn blokk appartamenti li jgibu l-isem ta' Ortensia Flats, fi Triq l-Imgiebah, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist relattiv in atti Nutar Pierre Falzon hawn anness u mmarkat Dok. JG1; u

"Premess illi permez tal-istess kuntratt Dok. JG 1 l-atturi akkwistaw l-arja ta' fuq il-bejt tal-*penthouse* in kwistjoni; u

"Premess illi l-konvenuti huma proprjetarji ta' l-appartamenti l-ohra li jgibu n-numri 1, 2, 3 u 4 formanti parti mill-blokk ta' appartamenti in kwistjoni bl-isem ta' Ortensia Flats; u

"Premess illi sal-lum, hadd mir-residenti l-ohra qatt ma uzaw dan il-bejt ghall-inxir tal-hwejjeg; u

"Premess illi nhar is-Sibt 30 ta' Gunju, 2001, l-konvenuti, jew min minnhom, qabdu u wahhlu hbula tal-inxir ma' *pipes* tal-hadid fuq il-bejt, bl-intenzjoni evidenti illi jibdew jonxru hwejjighom fuq il-bejt, u juzaw il-bejt kif jidrilhom; u

"Premess illi l-appartament tal-atturi inbena bhala *penthouse* mill-konjugi Joseph u Rose Vella, u dan kif jirrisulta mill-annessa kopja fotostatika tal-permess tal-bini immarkat Dok. JGZ;

"Premess Illi huwa pacifiku illi r-regola tal-Awtorita` tal-Ippjanar jipprojbixxu illi ssir attivita` bhal inxir, jew xort'ohra fuq il-bejt ta' *penthouse*.

"Premess inoltre illi d-dritt ta' uzu tal-bejt akkwistat mill-konvenuti konjugi Atkins, Glenn u Barbara Borg, u Brian Galea hu limitat kontrattwalment ghall-installazzjoni ta' tank tal-ilma u ta' tlevision aerial, kif jirrisulta mill-annessi Dok. JG2, 3 u 4 rispettivament; u

"Premess illi l-konvenuti konjugi Briffa, li del resto jghixu fil-pjan terran u jonxru l-hwejjeg fil-bitha taghhom, ukoll xtraw biss l-uzu tal-bejt, u dan kif jirrisulta mill-anness kuntratt (Dok. JG 5);

"Premess illi permezz ta’ digriet tal-10 ta’ Lulju, 2001, din l-Onorabbli Qorti laqghet talba tal-atturi ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2044/01 GV, kopja legali annessa u mmarkata Dok. JG, sabiex il-konvenuti jittrazznu milli juzaw il-bejt u l-arja proprjeta` taghhom.

"Jghidu ghaliex il-konvenuti din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dritt ta’ uzu tal-bejt da parti tal-konvenuti hu limitat biss ghall-installazzjoni ta’ tank tal-ilma u *aerial*, u *dish* tas-satellita bil-kunsens unanimu tal-partijiet, izda f’ebda kaz ma jinkludi d-dritt li l-konvenuti jonxru l-hwejjeg taghhom hemm u, kwindi, li jzommu hbula ta’ l-inxir hemm, jew illi jaghmlu forom ohra ta’ usu tal-istess bejt;

"2. Tordna lill-konvenuti sabiex a spejjez taghhom izarmaw il-hadid u hbula tal-inxir li wahhlu fuq il-bejt fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti;

"3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez tal-konvenuti izarmaw huma l-hadid u hbula tal-inxir taht is-sorveljanza ta’ perit.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2044/01 li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi fl-ewwel lok jinghad illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

"2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jixtieq jirrileva illi diga` hemm kawza pendenti bejn il-kontendenti fl-ismijiet inversi (Cit. Nru. 2696/99 JRM) dwar inter alia d-dritt ta’ access taghhom ghal bejt u ghalhekk ikun utili illi din il-kawza odjerna tinstemgha ma’ din l-imsemmija kawza.

"3. Illi fit-tielet lok minn qari akkurat tal-kuntratti esebiti mill-atturi jirrizulta ampjament illi ll-konvenuti kollha ghandhom l-uzu tal-bejt u dan kif jista’ jigi ppruvat ahjar waqt il-gbir tal-provi.

"4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghal premess il-konvenuti kollha kienu juzaw l-ambjent ta’ fuq il-bejt u dan kif anke ghandu jirrizulta mill-atti tal-kawza fl-ismijiet Atkins Sydney et vs Grima Joseph (Cit. Nru. 2696/99 JRM).

"5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghal premess il-bejt fuq il-blokk ta’ appartamenti minn dejjem kien intenzjonat ghall-uzu tar-residenti kollha fl-imsemmi appartamenti u dan anke tenut kont tal-fatt illi l-atturi stess fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom jammettu illi “il-konvenuti konjugi Briffa, … ukoll xtraw biss l-uzu tal-bejt”. Illi ghalhekk l-ecceppjenti ma jistax jifhem kif qed jinghad illi ma hemmx dritt ta’ uzu tal-bejt. Tant kienet l-intenzjoni tal-awtur tal-atturi meta dan biegh l-appartamenti lill-konvenuti illi kwazi f’kull kuntratt ta’ akkwist hemm indikat illi l-bejt huwa komuni. L-atturi qed jinqdew konvenjentement bil-kelma penthouse sabiex jinneggaw id-dritt ta’ uzu li ghandhom il-konvenuti tal-bejt.

"6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghal-premess il-mandat ta’ inibizzjoni numru 2044/01 inhareg in mala fede mill-atturi u l-konvenuti qed jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jipprocedu f’dan ir-rigward skond il-ligi.

"7. Illi ghalhekk il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Sydney Atkins et v. Joseph Grima et" (citazzjoni numru 2696/99) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' April 2002, u li ghaliha l-partijiet ghamlu referenza;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

"1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi izda limitatament billi tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhomx dritt izommu hbula tal-inxir fuq il-bejt, u tichad it-talbiet l-ohra kontenuti fl-istess talba;

"2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lill-konvenuti inehhu l-hbula tal-inxir u hadid li wahhlu fuq il-bejt in kwistjoni fi zmien xahar mil-llum;

"3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jnehhuhom huma a spejjes tal-konvenuti taht is-suervizjoni tal-AIC Mario Cassar.

"4. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din il-vertenza hija koncentrata fuq id-drittijiet ta’ proprjeta` tal-bejt imsemmi fic-citazzjoni u l-interpretazzjoni tal-atti tal-akkwist tal-partijiet.

"Il-proprjetajiet inbnew mill-konjugi Vella illi kienu akkwistaw l-art fl-1989. Wara li nbnew l-appartamenti dawn bdew jinbieghu wiehed wiehed lill-kontendendti.

"L-atturi akkwistaw l-appartament ta’ fuq (numru 5) fis-7 ta’ Settembru 1999 u akkwistaw ukoll *the ownership of the airspace which is subject to the right of use of third parties namely the owners of the other flats for the keeping of a water tank and television aerial and access to them for maintenance repair.* Iktar il-fuq fil-kuntratt wiehed isib *having in common with the other flats in the same block … the common use of the roof.* (Fol 8 tal-process).

"Il-konvenuti Atkins akkwistaw fit-13 ta’ Lulju 1999 il-flat numru 4 *having in common with the other flats in the block ….*

*"The use of the roof having a right to install a water tank and a television aerial on the said roof.*

"Il-konvenuti Borg akkwistaw f’ April 1998 il-flat numru 2, u fil-kaz taghhom akkwistaw ukoll *the common use of the roof.* Iktar il-quddeim (fol 27) gie indikat ukoll illi *Purchasers have the right to install a water tank and television aerial on the roof of the block.*

"Il-konvenut Galea akkwista fi Frar 1997 il-flat numru 3 u *l-uzu komuni ma ohrajn tal-bejt (uppermost roof).* Hu kellu ukoll id-dritt li *jpoggi tank tal-ilma u aerial tat-television fuq (l-istess) bejt.*

"Il-konvenuti Briffa f’Ottubru tal-1996 akkwistaw il-flat numru wiehed u biex wiehed ikun preciz *il-bejt, l-uzu tieghu peress li l-arja tieghu tibqa’ proprjeta` tal-venditur.*

"L-atturi qed jikkontendu illi l-konvenuti ghandhom biss dritt li jistallaw tank u l-aerial fuq il-bejt in kwistjoni u xejn iktar. Skond huma, id-dritt tal-uzu tal-bejt hu fi kliemhom stess fin-nota ta’ sottomissjonijiet *kwalifikat* f’dan is-sens. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan. Il-konvenuti ghandhom id-dritt tal-uzu fis-sens legali tal-kelma peress illi dan johrog mill-atti tal-akkwist. Dan hu definit fl-artiklu 392 tal-Kodici Civili bhala d-dritt li wiehed juza oggett proprjeta` ta’ haddiehor ghall-bzonnijiet tieghu u ghal dawk tal-familja tieghu.

"Fil-kaz in ezami, kieku fil-kuntratti tal-akkwist tal-konvenuti ma giex specifikat ukoll id-dritt li jistallaw l-aerial u t-tank, ma kienx ikun car jekk dawn gewx akkwistati jew le. Id-drittijiet hekk akkwisiti, huma in aggunta ghad-drittijiet normal tal-utent tad-dritt tal-uzu u mhux kwalifika tal-istess dritt. Tant hu hekk illi eccetto ghall-kaz tal-att tal-akkwist tal-konvenuti Atkins, id-dritt imsemmi gie indikat fi klawsola separata tal-kuntratt. Madankollu lanqas fil-kaz tal-konjugi Atkins ma jista’ jinghad li d-dritt gie b’dan il-mod kwalifikat ghaliex id-dicitura tal-kuntratt ma tindikax dan. Wiehed ma ghandux jinsa li din hija azzjoni petitoria u ghalhekk l-attur ghandu jipprova d-dritt tieghu minghajr ebda ombra ta’ dubbju – ara diversi sentenzi fuq dan il-punt, per esempju Borg – Buhagiar deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1958). F’din il-kawza fost hwejjeg ohra inghad illi kull dubbju ghandu jimmilita favur il-konvenut possessur.

"L-atturi ssottomettew ukoll li ladarba l-flat tal-atturi gie denominat bhala penthouse ma jista' jsir ebda inxir fuq il-bejt. Lanqas ma' dan il-Qorti ma taqbel. L-ewwelnett il-kuncett ta' penthouse huwa inesistenti fl-ordinament legali civili taghna. L-atturi akkwistaw appartament fis-sular ta' fuq. Jekk iridu jsejjhulu penthouse affari taghhom izda ma jistghux juzaw dan l-argument f'azzjoni civili. Jekk jezistu regolamenti tal-awtorita` koncernata dawn ma jirrigwardjax din il-Qorti li trid tiddeciedi biss il-vertenza bejn il-partijiet dwar x'uzu jista' jsir mill-bejt. Barra minn hekk ma jkunx gust li ghaliex fl-att tal-akkwist tal-atturi tnizzlet il-kelma penthouse, dan ghandu jeffettwa d-drittijiet civili tal-konvenuti li del rest akkwistaw qabel l-attur. Ghalhekk il-provi li ngabru f'dan is-sens huma rrilevanti.

"L-atturi pero` qed jitolbu ukoll it-tnehhija tal-istrutturi illi twahhlu mill-konvenuti ghall-inxir tal-hwejjeg. Hawnhekk il-Qorti taghti ragun lill-atturi ghaliex b'dawn l-istrutturi, l-ispazju fiziku tal-bejt gie mnaqqas u effettwat. L-uzu ghandu jsir b'mod ragonevoli. Il-konvenuti, jekk ikollhom bzonn jonxru ghandhom juzaw strutturi li jistghu jitnehhew wara li jkunu inqdew bihom (*portable*)."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu illi din il-Qorti:
"joghgbobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti tas-sentenza li biha laqghet l-ewwel talba attrici *limitatament billi ddikjarat li l-appellanti m'ghandhomx dritt izommu hbula ta' l-inxir fuq il-bejt, u tichad it-talbiet l-ohra kontenuti fl-istess talba*, u tilqa' l-ewwel talba ta' l-appellanti kif dedotta fic-citazzjoni promotrici, u mill-bqija tikkonferma s-sentenza kif laqghet it-talbiet l-ohra fic-citazzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenuti li, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li l-appell interpost jigi michud; huma ressqu wkoll appell incidentali li in forza tieghu talbu li din il-Qorti:
"ghar-ragunijiet premessi joghgobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha laqghet limitatament it-talbiet attrici u ddikjarat illi l-konvneuti ma ghandhomx dritt

izommu bhala ta' l-inxir fuq il-bejt, u tikkonferma l-kumplament ta' l-imsemmija talba u senjatament fejn l-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi "tichad it-talbiet l-ohra kontenuti fl-istess talba"; thassar u tirrevoka wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-tieni u t-tielet talba ta' l-atturi u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet huma proprjetarji ta' diversi appartamenti fi blokk ta' appartamenti maghruf bl-isem ta' "Ortensia Flats", fi Triq l-Imgiebah, Xemxija; l-atturi ghandhom l-appartament ta' fuq nett (minnhom indikat bhala *penthouse*), waqt li l-konvenuti huma l-proprjetarji ta' diversi appartamenti ohra fl-istess blokk. Bejn l-atturi, fuq naha wahda, u l-konvenuti, fuq in-naha l-ohra, hemm divergenzi dwar l-uzu tal-bejt tal-blokk, bl-atturi jsostnu li l-konvenuti jistghu juzaw il-bejt biss ghall-installazzjoni ta' tank ta' l-ilma u ta' *aerial* tat-televizjoni. Il-konvenuti, min-naha l-ohra, jsostnu li huma jistghu jaghmlu kull tip ta' "uzu" mill-bejt, skond il-htigijiet taghhom. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, qablet mat-tezi tal-konvenuti, hlief li osservat li ma jistghux iwahhlu kanen u hbula ta' l-inxir fuq il-bejt.

Filwaqt li l-atturi appellaw mis-sentenza in kwantu din ikkoncediet uzu generali tal-bejt lill-konvenuti, il-konvenuti appellaw incidentalment kontra l-limitazzjoni imposta mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti tara li dan l-appell huwa alkwantu zejjed u seperfluwu. Jidher car minn ezami tal-kuntratti tal-konvenuti li, <u>qabel ma' l-atturi akkwistaw l-appartament taghhom</u>, il-konvenuti kienu diga` akkwistaw l-uzu llimitat tal-bejt komuni. Hu veru li fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenuti hu specifikat li dawn jistghu jinstallaw tank ta' l-

ilma u *aerial* tat-televizjoni fuq il-bejt, pero`, dan id-dritt gie koncess "over and above" l-uzu komuni tal-bejt. Id-dritt specifikat ta' l-installazzjoni tat-tank ta' l-ilma u ta' l-*aerial* tat-televizjoni nghata mhux biex jikkwalifika jew jillimita l-uzu tal-bejt, izda *ex abundanti cautela*, u biex jigu evitati dubji dwar l-estensjoni ta' l-uzu, peress li, f'kull kaz, il-konvenuti kienu akkwistaw l-uzu komuni ma' ohrajn tal-bejt bhala parti mill-proprjeta`.

L-ahhar kuntratt mal-konvenuti sar f'Lulju 1999, u ghalhekk, meta l-atturi xtraw l-appartament ta' fuq nett f'Settembru tal-1999, kellhom ikunu jafu li s-sidien ta' l-appartamenti sottostanti kellhom diga` d-dritt ghall-uzu tal-bejt. Il-fatt li fil-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-atturi gie registrat li s-sidien ta' l-appartamenti l-ohra jistghu juzaw il-bejt "*for the keeping of a water tank and television aerial*", ma jistax iservi biex inaqqas id-drittijiet gia` akkwistati mill-konvenuti, ladarba dawn il-konvenuti ma kienux parti fuq il-kuntratt.

Dan kellu jkun ovvju u car ghall-atturi. Hawn il-Qorti thoss li ghandha ticcensura n-nutar li ppubblika l-att ta' l-akkwist ta' l-atturi. Hu dmir ta' nutar pubbliku mhux biss li jippubblika dak li u kif jghidulu l-partijiet, izda li jara li dak li jirregistra jkollu mis-sewwa biex, kemm hu legalment possibbli, jikkonferixxi rizultat utili ghall-partijiet. F'dan il-kaz, ezami anke superficjali tal-kuntratti antecedenti kellu juri li s-sidien ta' l-appartamenti sottostanti kienu akkwistaw id-dritt ta' <u>l-uzu</u> in komun tal-bejt tal-blokk, u fil-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-atturi ma kellux jigi registrat biss id-dritt tat-tqeghid tat-tank ta' ilma u t-twahhil ta' l-*aerial*.

Kwindi l-appell ta' l-atturi appellanti qed jigi michud.

Fir-rigward ta' l-appell incidentali, din il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-limitazzjoni imposta mill-ewwel Qorti ma hijiex limitazzjoni li tohrog mil-ligi civili. Jista' jkun hemm xi limitazzonijiet amministrattivi fir-rigward ta' l-uzu tal-bejt, pero`, it-twahhil tal-kanen u hbula ta' l-inxir zgur jitqies bhala uzu normali tal-bejt. Dan ma jfissirx li l-konvenuti jistghu jaghmlu li jridu fuq il-bejt, ghax hemm limitazzjonijiet li r-regoli tal-buon vicinat jimponu. Hekk,

per ezempju, il-bejt ma jistax jintuza bhala *toilet* ghall-*pets* li jista' jkollhom is-sidien ta' l-appartamenti, lanqas biex jinzamm xi festin b'muzika tghajjat, pero`, dment li l-uzu jkun normali u ragjonevoli, u ma jtellifx lis-sidien l-ohra mit-tgawdija li huma jistghu jaghmlu tal-bejt, dak l-uzu ghandu jithalla.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza **Spiteri v. Popeye Investments Ltd** deciza fit-3 ta' Novembru 2006, dwar it-tifsira tad-dritt ta' "uzu" ta' bejt. Wara li ghamlet riferenza ghan-Novissimo Digesto Italiano, il-Qorti osservat illi:
"Mill-premess jirrizulta li d-dritt ta' l-uzu koncess fl-att ta' akkwist ma ghandux ikun ristrett ghal semplici dritt ta' access fuq il-bejt ghall-arja bhal dak koncess mill-Qorti ta' Prim Istanza. Il-fatt li l-proprjetarji precedenti ta' l-appartament ma hassewx il-bzonn li jwahhlu hbula ta' l-inxir jew li jtellghu cilindru tal-gas fuq il-bejt komuni li tieghu kellhom l-uzu ma jfissirx li l-appellanti m'ghandhiex id-dritt li twahhal apparat bhal dak imsemmi fuq il-bejt jew li tuzah ghall-hbula ta' l-inxir, dejjem sakemm dan taghmlu fil-qies gust u billi tirrendi l-anqas inkonvenjent possibbli lill-proprjetarji l-ohra tal-blokk, inkluz l-atturi. Infatti, din il-Qorti, kif komposta, diga` kellha l-opportunita` tirrimarka li min ghandu d-dritt li juza' bejt komuni, uza d-dritt tieghu fil-qies gust meta installa "air conditioner" fuq il-bejt (**AIC R. Laferla v. Spizjar F. Vella et)**. Fil-kaz in kwistjoni, ghalkemm il-bejt jappartjeni lill-atturi, huwa suggett ghad-dritt ta' uzu mill-utenti ta' l-appartamenti li jinsabu fil-blokk u ghalhekk huwa bejt komuni. B'hekk ma jirrizultax li d-decizjoni ta' l-ewwel Qroti f'dan ir-rigward hija korretta. Lanqas huwa ghalhekk necessarju li wiehed jitratta dak sottomess mill-appellanti rigward l-Att dwar il-*Condominia*. Jinghad izda li dan l-Att, Kap. 398 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jeskludix l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kodici Civili dwar is-servitu` bejn id-diversi proprjetarji fi blokk simili, izda gew abbrogati biss id-disposizzjonijiet fit-Titou V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, ossija d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-Komunjoni tal-Beni, skond dan provdut fl-Artikolu 4 ta' l-Att."

Din il-Qorti ticcara ghal kull buon fini, li l-allegazzjoni (maghmula mill-atturi appellanti) ta' bejgh li whud mill-konvenuti setghu ghamlu ta' l-appartament taghhom, ma kenitx ta' rilevanza diretta ghall-meritu ta' din il-kawza, li si tratta minn interpretazzjoni ta' klawsola f'diversi kuntratti, liema interpretazzjoni, f'kull kaz, torbot lill-aventi kawza taht dawk il-kuntratti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra l-istess attturi;  billi wkoll hija tal-fehma illi l-appell huwa fieragh u vessatorju fit-termini ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellanti li jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn;  tilqa' l-appell incidentali tal-konvenuti billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tichad fl-intier it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------